**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 4 ta' Dicembru 2017**

**Rikors Numru 12/2017**

**Joseph Borg**

**Vs**
**Ministeru ghall-Finanzi**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Joseph Borg** ipprezentat fis-6 ta' Frar 2017 li permezz tieghu jippremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponenti huwa Malti illi għandu ċittadinanza doppja b'dan illi għandu ċittadinanza Maltija u wkoll ċittadinanza Kanadiża;*

2. *Illi l-esponenti kien ilu jabita l-Kanada sa mill-aħħar tas-snin sebgħin, u huwa istabbilixxa ruħu u kien domiċiljat ġewwa l-Kanada;*

3. *Illi l-esponenti ilu għal aktar minn għaxar snin juża l-vettura tiegħu Mercedes tat-tip SL500 – BTPH172;*

4. *Illi l-esponenti rritorna Malta f'Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) bl-intenzjoni illi jibqa' jgħix il-bqija ta' ħajtu fil-gżejjer Maltin, ġewwa l-Qala, f'Għawdex;*

5. *Illi mar-ritorn tiegħu għal kollox hawn Malta, l-esponenti fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru, tas-sena elfejn u sittax (2016) applika sabiex il-vettura tiegħu tiġi eżenti mit-taxxa taħt Artikolu 19, tal-Kapitolu 368 tal-Liġijet ta' Malta;*

6. *Illi permezz ta' ittra datata s-sittax (16) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-esponenti ġie mgħarraf mill-intimat Ministeru Għall-Finanzi illi l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx aċċettata stante illi skond l-intimat l-esponenti ma ssodisfax dak rikjest minn Regola 4(3)(d) tal-Avviż Legali 440 tal- 2013 (vide* ***Dok A****);*

7. *Illi ċ-ċaħda tal-applikazzjoni tal-esponenti min-naħa tal-intimat hija infondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġuni illi l-esponenti huwa ċittadin Malti li ġie lura Malta mill-Kanada, f'Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u ġab miegħu il-vettura tiegħu in linea mad-dati hekk kif indikati f'Regola 4(3)(d) tal-Avviż Legali 440 tal- 2013;*

   *Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dan l-Onor. Tribunal jogħġbu jħassar l-effetti tal-ittra ta' rifjut datata is- 16 ta' Jannar, 2017 u jgħaddi sabiex jiddikjara illi l-vettura tal-esponenti għandha tkun eżenti mit-taxxa taħt Artikolu 19 tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Ra r-risposta tal-**Ministru ghall-Finanzi** pprezentata fit-28 ta' Frar 2017 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"1. Illi l-esponent sejjer bil-prezenti risposta, iwiegeb ghar-rikors tal-appell interpost minn Joseph Borg li permezz tieghu talab lil dan it-Tribunal sabiex ihassar l-effetti tal-ittra ta' rifjut datata 16 ta' Jannar 2017 u minflok jiddikjara illi l-vettura tar-rikorrent ghandha tkun ezenti mit-taxxa taht l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*2. Illi l-appell devolut quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa mfassal fuq l-ilment li c-cahda tal-intimat hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-raguni li l-esponenti huwa cittadin Malti li gie lura Malta mill-Kanada, f'Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u gab mieghu l-vettura tieghu in linea mad-dati hekk kif indikati f'Regola 4(3)(d) tal-Avviz Legali 440 tal-2013;*
*3. Illi l-esponenti jirrileva li kif johrog ben car mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti stess (vide) Dok. A) Joseph Borg naqas milli jissottometti l-istess fi zmien xahrejn qabel u tnax-il xahar wara d-data li fiha ha r-residenza tieghu f'Malta hekk kif jezigi l-imsemmi regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01;*
*4. Illi l-applikazzjoni giet fil-fatt sottomessa fid-19 ta' Dicembru 2016 filwaqt li d-data li fiha l-appellant iddikjara bhala d-data li fiha ha r-residenza normali tieghu f'Malta hija t-30 ta' Dicembru 2014.*
*5. Illi ghalhekk bla dubju jsegwi li l-appellant ma ssodisfax ir-rekwizit impost taht ir-regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01 stante li huwa naqas milli jissottometti l-applikazzjoni*

*tieghu fi zmien xahrejn qabel u tnax-il xahar wara t-30 ta' Dicembru 2014 liema data hija dik li fiha fil-fatt ir-rikorrent iddikjara li ha r-residenza normali tieghu f'Malta;*
*6. Illi r-regolament 4(4)(a) tal-L.S. 368.01 jippreskrivi li "L-ezenzjoni ... m'ghandhiex tinghata meta - (a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux issodisfaw ir-rekwiziti stabbiliti taht is-subregola (3)". Ghaldaqstant ladarba l-appellant ma ssodisfax ir-rekwizit stabbilit fl-imsemmi regolament 4(3)(d), l-esponent kien obbligat taht dan ir-regolament li ma jaghtix l-ezenzjoni kif fil-fatt ghamel permezz tad-decizjoni hawn attakkata;*
*7. Illi fid-dawl tal-principji legali u fattwali suesoposti johrog car li d-decizjoni tal-Bord mahtur mill-esponent ma tista' bl-ebda mod titqies vizzjata minn attitudni errata u ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti ma hu sostenibbli xejn u ghandu jigi michud. "*

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Sema' x-xhieda ta' Francis Attard;

Ra l-atti l-ohra kollha;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 16 ta' Jannar 2017 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4(3)(d) which stipulates that "the vehicle is declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date".*[1]

Illi **r-rikorrenti** xehed illi huwa twieled il-Kanada. Jispjega li gie l-ewwel darba Malta fis-snin sebghin u dam hawn Malta madwar disa' snin sakemm fl-1979 rega' irritorna lejn il-Kanada u baqa' hemm sakemm iddecieda li jigi jghix permanentement hawn Malta f'Novembru 2016. Jghid li d-dati fuq l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni kien imlihomlu impjegat ta' Transport Malta, certu Michael Buhagiar, li meta gie biex inizzel meta r-rikorrent wasal hawn Malta u meta beda jirrisjedi hawn Malta ha zball u minflok is-sena 2016 nizzel is-sena 2014.

[1] Dok A a fol. 3

**Francis Attard**, Cermen tal-Bord, spjega li r-rikorrent applika hafna iktar minn tnax-il xahar minn meta iddikjara li ha r-residenza tieghu hawn Malta, u cioe` fit-30 ta' Dicembru 2014 u ghalhekk kien ineligibbli ghall-ezenzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kwistjoni hija wahda pjuttost semplici u ddur kollha fuq kwistjoni ta' kredibilita`. Filwaqt li d-dikjarazzjoni fuq l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni tiskwalifika lir-rikorrenti milli jikseb favur tieghu l-ezenzjoni rikjesta, huwa jishaq li tali dikjarazzjoni kienet frott ta' zball li ha impjegat tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta meta imlielu l-formula.

Illi in sostenn ta' dan ir-rikorrenti esebixxa numru ta' dokumenti fosthom:

1. Dikjarazzjoni minghand l-*accountant* tieghu li jiddikjara li r-rikorrent kien residenti gewwa l-Kanada sa' Novembru 2016;[2]
2. Biljett tal-ajru li juri li r-rikorrent wasal Malta fit-28 ta' Novembru 2016;[3]
3. Kuntratt t'akkwist gewwa l-Kanada datat fit-2 ta' Lulju 2014 u iehor datat 15 ta' Mejju 2015;[4]
4. *Inspection Form* ta' Transport Malta li fuqha hemm dikjarat li l-vettura in kwistjoni waslet Malta fl-10 ta' Dicembru 2016;[5]
5. Stima tat-taxxa ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni imtella' minn fuq il-*Motor Vehicle (Used Vehicle Valuation System)* datata 19 ta' Dicembru 2016;[6]
6. *Income Tax Returns* Kanadizi mill-2012 sal-2016;[7]
7. *Statements* bankarji datati minn Jannar 2014 sa Dicembru 2016 li juru ammont kbir ta' transazzjonijiet gewwa l-Kanada.[8]

Illi ghalhekk, meta wiehed jara l-assjem tad-dokumentiipprezentati mir-rikorrent flimkien mal-affidavit tieghu, dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi dak li gie mnizzel bhala d-data li fiha wasal hawn Malta u li fiha ha r-residenza tieghu hawn Malta verament kien il-frott ta' zball genwin. Kien awspikabbli li kieku forsi gie ngunt bhala xhud il-persuna li mliet il-formula tar-rikorrent, siccome` l-istess rikorrent kien jaf x'jismu. Dan pero` ma sehhx. Madankollu t-Tribunal iqis li r-rikorrent irnexxielu jipprova illi fil-verita` huwa ha r-residenza ordinarja tieghu f'Malta f'Dicembru 2016 u mhux kif indikat fl-2014 meta jirrizulta li kien ghadu jirrisjedi l-Kanada. Madankollu t-Tribunal ma

[2] Dok JB1 a fol. 36
[3] Dok JB3 a fol. 38
[4] Dok JB4 a fol. 39 u Dok JB5 a fol..42
[5] Dok JB7 a fol. 46
[6] Dok JB8 a fol. 47
[7] Dok TR12 sa Dok TR16 a fol. 63 sa 85
[8] Dok CC14 a fol. 89 sa fol. 179

jistghax ma josservax illi fl-applikazzjoni innifisha hemm certu diskrepanzi ta' dati in kwantu gie dikjarat illi r-rikorrent wasal Malta fil-15 ta' Dicembru 2016 mentri mill-biljett tal-ajru esebit jirrizulta li wasal Malta fit-28 ta' Novembru 2016, filwaqt li wkoll fl-applikazzjoni gie dikjarat li l-vettura waslet Malta fl-14 ta' Dicembru 2016 mentri mill-*vehicle inspection form* jirrizulta li din waslet Malta fl-10 ta' Dicembru 2016. Madankollu anke jekk wiehed jiehu dawn id-dati xorta wahda jirrizulta li r-rikorrent ipprezenta l-applikazzjoni tieghu *entro termine* jekk huwa stabilixxa r-residenza ordinarja tieghu f'Malta fit-30 ta' Dicembru 2016.

Illi fir-rigward ta' spejjez ta' din il-procedura, certament il-Bord ma ha l-ebda zball ta' gudizzju stante li kienet id-dikjarazzjoni zbaljata tal-istess rikorrent, jew ta' min imlielu l-applikazzjoni, li induciet lill-Bord jirrifjuta l-applikazzjoni. Kwindi l-Ministeru intimat m'ghandu jbati l-ebda tip ta' spejjez.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jirrevoka d-decizjoni tal-Ministeru intimat datata 16 ta' Jannar 2016 sabiex il-Bord jerga' jirrikonsidraha fid-dawl ta' dak hawn fuq enuncjat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**